MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANTHONY ELLUL

Seduta ta' l-14 ta' Marzu, 2013

Citazzjoni Numru. 323/2010

**Joseph Zammit**

**Vs**

**Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud illum Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud)**

**Rikors guramentat**.

Permezz ta' rikors guramentat prezentat fis-6 ta' April 2010, l-attur ippremetta:

*1. Premess illi nhar it-26 ta' Marzu 2010 ir-rikorrenti rcieva l-ittra ufficjali numru 904/10 (kopja ta' liema hija hawn annessa bhala Dokument "A") indirizzata lilu*

*personalment u bhala direttur ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta Auto Repairs & Services Ltd b'liema l-Kummissarju intimat widbu li somma ta' €42,620.69 ghandu jithallas fi zmien jumejn u fin-nuqqas sejjer jipprocedi b'atti esekuttivi;*

*2. U billi ghalkemm indirizzata kemm lilu u kemm lis-socjeta Auto Repairs & Services Limited, din l-ittra giet notifikata fl-indirizz residenzjali tieghu biss;*

*3. U billi l-esponenti ma ghandhu l-ebda rappresentanza tas-socjeta attrici peress li wara proceduri quddiem dina l-Onorabbli Qorti li jgibu l-okkju Mira Motors Sales Ltd Et vs Auto Repairs & Services Ltd Noe (243/2007 JRM) gie ordnat li l-istess socjeta Autor Repairs & Services Ltd ghandha tigi xolta, u l-Qorti hatret lill-Avukat Stefano Filletti bhala likwidatur ta' l-istess kumpanija, fatt li kien ben not ghall-Kummissarju intimat li sahansittra attenda ghall-laqghat ta' l-istess likwidatur;*

*4. U billi fil-fatt l-esponenti kien waqaf kull involviment li kellu fil-kumpanija Auto Repairs & Services Limited minn Jannar 2002, wara li kien ftiehem mad-diretturi l-ohra li huma jakkwistaw l-interess li kellu fl-istess kumpanija (tramite s-socjeta Mira Holdings Limited), dwar liema negozju fil-fatt jezistu proceduri fl-istadju ta' l-appell li jgibu l-okkju Mira Motor Sales Limited vs Melita Insurance Brokers Limited (578/2006)*

*5. U billi kif anke rrizulta lil Kummissarju intimat, il-Managing Director tas-socjeta ARS kien Frank V. Fenech u l-esponenti qatt ma kien involut fit-tmexxija tal-kumpanija;*

*6. U billi inoltre, d-diretturi l-ohra, ossia Frank X. Fenech u Frank V. Fenech it-tnejn kienu ghamlu u ffirmaw dikjarazzjoni ta' solvenza b'liema huma ggarantew li s-socjeta Auto Repairs & Services Limited ghandha bizzejjed assi biex taghmel tajjeb ghad-djun kollha taghha, u konsegwenza ta' dina d-dikjarazzjoni id-diretturi Fenech it-tnejn huma personalment responsabbli ghal kwalsiasi dejn tal-kumpanija;*

*7. U billi ghalhekk ir-rikorrenti ma jistax jitqies bhala rapprezentant tal-kumpanija kif kontemplat fl-artikolu 66 tal-Att Dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Kap 406 tal-Ligijiet ta' Malta);*

*8. U Billi in oltre u fi kwalsiasi kaz u bla pregudizzju ghal premess, l-esponenti kellu rwol mhux ezekuttiv u cioe la kien involut fit-tmexxija tal-kumpannija u wisq anqas fiz-zamma tal-konteggi u s-sottomissjoni tar-returns, u inoltre qatt ma kellu xi flus jew proprjeta appartenenti lill-kumpanija taht it-tmexxija, amministrazzjoni jew kontroll tieghu;*

*9. U billi, bla pregudizzju ghal premess, fil-fatt ir-rikorrenti ma ghandhux u qatt ma kellu f'idejh fondi jew assi appartenenti ghas-socjeta Auto Repairs & Services Limited, izda anzi fil-fatt kumpannija ohra f'liema huwa direttur huma kreditur ta' l-istess socjeta, tant li huwa nnifsu ghamel proceduri gudizzjarji kontra l-istess kumpannija u d-diretturi l-ohra taghha (li jgibu l-okkju Mira Holdings Limited (C5361) Et vs Fenech Frank X. Et 1270/09 GCD);*

*10. U billi l-esponenti ma ghandhux access ghad-dokumenti necessarji sabiex jikkontesta l-pretenzjoni tal-kummissarju intimat izda sa fen jaf il-likwidatur taghha qieghed isegwi l-proceduri kollha appoziti ghal konferma tad-dejn*

*11. U billi ghalhekk l-esponenti ma jistax f'dan l-istadju jitqies responsabbli mal-kumpannija ghad-djun fiskali taghha;*

*Ghaldaqstant ir-rikorrenti jitlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi:-*

*1. Tiddikjara ghar-ragunijiet fuq esposti li l-esponenti llum il-gurnata ma huwiex rapprezentant tal-kumpannija Auto Repairs & Services Ltd ghal finijiet u effetti tal-Kap 406;*

*2. Tiddikjara ghar-ragunijiet fuq esposti u ohrajn li ser jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza li l-ebda ammont ma huwa dovut minnu kif pretiz mill-Kummissarju intimat;*

3. *Konsegwentement thassar u tannulla t-titolu ezekuttiv ottenut permezz tal-ittra ufficjali fuq imsemmi*;

**Risposta guramentata tal-konvenut.**

Jesponi bir-rispett u bil-gurament tieghu jikkonferma:

*1. Illi fl-ewwel lok m'huwiex minnu illi l-ittra bin-numru 904/10 inharget kemm lir-rikorrent u anke lis-socjeta' Auto Repairs & Services Limited. Din l-ittra inharget lir-rikorrent f'ismu personali u bhala direttur tas-socjeta' imsemmija u ghalhekk din kellha tigi notifikata lilu biss. Illi in ogni caso, huwa sufficjenti li l-ittra giet mibghuta fl-indirizz tieghu personali sabiex titqies bhala notifikata lilu personalment u kwindi hija valida fil-konfront tar-rikorrent personalment;*

*2. Illi ghalkemm is-socjeta' Auto Repairs & Services Limited qieghda fi process ta' stralc, l-ammont mitlub permezz ta' l-ittra mertu ta' dawn il-proceduri jirrapprezenta ammont dovut mis-socjeta' Auto Repairs and Services Limited ghall-perjodu qabel ma nbeda l-process ta' stralc ta' l-istess socjeta', u dan kif se jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza. Ir-rikorrent kien wiehed mill-ewwel diretturi tas-socjeta' Auto Repairs and Services Limited u qatt ma rrizenja minn tali kariga u ghalhekk, kuntrarjament ghal dak allegat mir-rikorrenti, hu fil-fatt kien (u ghadu) direttur (u ergo rapprezentant ai termini ta' l-Artikolu 66(1) tal-Kap. 406) tas-socjeta' Auto Repairs and Services Limited f'dak il-perjodu ghal liema hija dovuta s-somma mitluba;*

*3. Illi r-rikorrent irid jipprova illi ma kellux taht it-tmexxija, amministrazzjoni jew kontroll tieghu xi flus jew proprjeta' tas-socjeta' Auto Repairs & Services Limited, kif minnu allegat;*

*Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, gia inghad illi r-rikorrent kien effettivament direttur tas-socjeta' Auto Repairs and Services Limited f'dak il-perjodu ghal liema hija dovuta s-somma mitluba u kwindi m'huwiex minnu illi ma kellux taht it-tmexxija, amministrazzjoni jew kontroll tieghu flus jew proprjeta' tas-socjeta' Auto Repairs and Services Limited;*

*4. Illi m'huwiex minnu li r-rikorrent waqqaf kull involviment li kellu fis-socjeta' Auto Repairs & Services Limited sa minn Jannar 2002;*

*5. Illi b'referenza ghas-sitt premessa tar-rikorrent, kif gia nghad, l-ammont mitlub permezz ta' l-ittra mertu ta' dawn il-proceduri jirrapprezenta ammont dovut mis-socjeta' Auto Repairs and Services Limited ghall-perjodu qabel ma nbeda l-process ta' stralc ta' l-istess socjeta' u ghalhekk id-dikjarazzjoni ta' solvenza jew minn min giet iffirmata huma fatti totalment irrelevanti fir-rigward ta' l-ammont dovut;*

6. *Illi ghalhekk, l-ittra ufficjali bin-numru 401/10 mahruga mill-intimat fil-konfront tar-rikorrent hija valida u tirrendi ezegwibbli t-titolu ezekuttiv ottjenut bl-avviz mibghut lir-rikorrent ai termini ta' l-Artikolu 59 tal-Kap. 406*.

Il-qorti semghet il-provi, rat l-atti nkluz in-noti ta' sottomissjonijiet li pprezentaw il-partijiet.

**Konsiderazzjonijiet**.

Permezz ta' ittra ufficjali numru 904/2010 il-konvenut sejjah lill-attur sabiex ihallsu s-somma ta' €42,620.69 bhala direttur tal-kumpannija Auto Repairs & Services Limited. B'ittra tas-16 ta' Frar 2010, il-konvenut sejjah lill-attur sabiex ihallsu din is-somma b'riferenza ghall-perjodu mill-1 ta' Novembru 2004 sal-31 ta' Lulju 2006.

L-attur isostni li m'huwiex ir-rapprezentant ta' din il-kumpannija. Jirrizulta li fil-proceduri 243/2007 fis-7 ta' Awissu 2007 inghata provvediment li bih il-kumpannija giet xolta u nhatar stralcarju. L-attur isostni li l-involviment

tieghu fil-kumpannija kien spicca ghal kollox b'effett minn Jannar 2002. Tezi li giet konfermata fil-kawza **Mira Motor Sales Limited vs Melita Insurance Brokers Limited** (578/2006) f'sentenza li nghatat mill-Qorti tal-Appell fit-3 ta' Frar 2012:-

*"Tenut kont tal-fuq espost din il-Qorti tikkonkludi li l-bejgh tal-ishma li s-socjeta Mira Motor Sales Limited kellha fis-socjeta Auto Repair & Services Limited lis-socjeta Melita Insurance Borkers Limited kien konkluz fl-ewwel gimgha ta' Jannar 2002 meta intlahaq ftehim dwar l-oggett tal-bejgh u l-konsiderazzjoni u konsegwentement tiddikjara li s-socjeta intimata ghandha thallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' ……..".*

M'hemmx dubju li ghal finijiet tal-Att dwar it-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud (Kap. 406), il-persuna taxxabbli kienet Auto Repairs Limited. Joseph Zammit kien wiehed mid-diretturi ta' din il-kumpannija. Ghalhekk skond l-Artikolu 66 tal-Kap. 406 kien jikkwalifika bhala **rapprezentant** tal-kumpannija. Il-principju generali hu li rapprezentant ta' kumpannija, fosthom direttur, hu solidalment responsabbli ghat-taxxa dovuta mill-persuna li jkun qieghed jirraprezenta (Artikolu 66(5) tal-istess ligi), pero:-

*"meta ir-rapprezentant ikun agixxa in bona fede u ma jkunx qieghed xjentement jikkontravjeni is-subartikolu (4)[1] jew kull obbligazzjoni ohra taht dan l-Att, ir-responsabbiltà tieghu taht dan is-subartikolu ghandha tkun limitata ghall-flus jew ghall-valur tal-proprjetà li huwa jkun qieghed jamministra jew jikkontrolla li tkun ta' persuna jew dovuta lil persuna li huwa jkun ir-rapprezentant taghha.".*

Minn qari ta' dawn il-provvedimenti hu evidenti li direttur ta' kumpannija mhuwiex f'kull kaz responsabbli solidalment ghat-taxxa li tkun dovuta mill-kumpannija.

---

[1] *"Rapprezentant li jkollu taht it-tmexxija jew kontroll tieghu xi flus jew proprjetà ta' persuna jew dovuti lil persuna li huwa jkun rapprezentant taghha ma ghandux jiddisponi minn dawk il-flus jew proprjetà kemm-il darba ma jkunx haseb bizzejjed ghal kull taxxa dovuta taht dan l-Att.".*

M'hemmx kontestazzjoni li ghall-perjodu li tieghu il-konvenut qieghed jippretendi l-hlas, l-attur kien ghadu jidher bhala direttur tal-kumpannija fir-Registru tal-Kumpanniji. Mid-deposizzjoni tal-ufficjal tad-Dipartiment jirrizulta li kien dan li wassalhom biex jibghatu lill-attur avviz ai termini tal-Artikolu 59 tal-Kap. 406[2]. Pero' daqstant iehor mill-provi rrizulta bl-iktar mod car li wara li Mira Motors Limited ttrasferit l-ishma li kellha fil-kumpannija Auto Repairs & Services Ltd, l-attur ma kien ghad baqghalu l-ebda involviment fil-kumpannija taxxabbli. L-izball li sar kien li ma nghatax l-avviz (Form K) lir-Registru tal-Kumpanniji li Joseph Zammit ma kienx ghadu direttur (Artikolu 146 tal-Att dwar il-Kumpanniji, Kap. 386). L-interess ta' Joseph Zammit fil-kumpannija kien minhabba l-kumpannija Mira Motors Sales Limited, kumpannija tal-ahwa Zammit. Il-Qorti tal-Appell stess fis-sentenza fuq imsemmija osservat: *"….jidher li wara din il-laqgha (9 ta' Jannar 2002) s-socjeta rikorrenti (Mira Motors Limited) warrbet mit-tmexxija tas-socjeta Auto Repairs & Services Ltd…..".*

Fil-fehma tal-qorti r-riferenza li ghamel il-konvenut ghall-proceduri kriminali **Il-Pulizija vs Joseph Zammit** decizi fid-29 ta' Settembru 2011 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, ma jorbtux lil din il-qorti. F'dawk il-proceduri Zammit kien gie akkuzat li naqas milli jipprezenta d-denunzji tat-taxxa ghall-perjodu 31 ta' Jannar 2006 sal-31 ta' Jannar 2008. Il-qorti sabet lil Zammit hati u kkundannatu jhallas €800 wara li kkonkludiet li *"…fiz-zmien in ezami l-imputat kien direttur tas-socjeta Auto Repairs & Services Limited liema socjeta llum hija rapprezentata minn stralcarju."*. Madankollu din il-qorti tasal ghal konkluzjoni differenti meta tqies li:-

i. Fit-3 ta' Frar 2012 inghatat sentenza mill-Qorti tal-Appell li kkonfermat li fil-bidu ta' Jannar 2002 Mira Motor Sales Limited bieghet l-ishma taghha fil-kumpannija Auto Repairs & Services Ltd, u li minn dak iz-zmien Mira Motors Sales Limitred kienet warrbet mit-tmexxija ta' Auto Repairs.

---

[2] Deposizzjoni ta' Maryanne Schembri fis-seduta ta-16 ta' Novembru 2012.

ii. Hu evidenti li zgur minn dak iz-zmien Zammit ma kellux l-amministrazzjoni u kontroll ta' flus jew gid iehor tal-kumpannija.

iii. Ghalkemm Auto Repairs & Services Ltd ma tatx avviz lir-Registratur tal-Kumpanniji ai termini tal-Artikolu 146 tal-Kap. 386, fir-realta' wara l-bejgh Zammit ma komplix jokkupa tali kariga. Il-qorti hi tal-fehma li t-trasferiment tal-ishma gab mieghu r-rizenja ta' Zammit minn direttur. Hu evidenti li l-kariga ta' direttur li kien jokkupa kienet relatata mal-fatt li l-kumpannija Mira Motor Sales Limited kienet azzjonista ta' nofs l-ishma tal-kumpannija. Kif ma baqghetx proprjetarja ma kien hemm l-ebda raguni ghalfejn Zammit jibqa' jokkupa l-kariga ta' direttur. Tant dan hu minnu li fil-formola *'Appointment of Bankers of Companies'* iffirmata fil-5 ta' April 2004 minn Frank V. Fenech Camilleri u Frank X. Fenech ghan-nom ta' Auto Repair & Services Limited (fol. 40), l-attur ma jissemmix. Dan kuntrarjament ghall-formoli identici ffirmati fil-11 ta' Settembru 1996 (fol. 36) u 16 ta' Frar 2000 (fol. 38) fejn jissemma l-attur u hemm il-firma tieghu. Mid-dokumenti a fol. 36 u 38 jirrizulta li originarjament l-ishma f'Auto Repairs & Services Ltd kienu nofs tal-familja Fenech u n-nofs l-iehor tal-familja Zammit. Fil-fatt jissemma Grupp A ghal Fenech, u Grupp B ghal Zammit u hu evidenti li l-istruzzjonijiet li nghataw lill-bank kienu li ghat-transazzjonijiet li ghalihom japplikaw dawn id-dokumenti kien hemm bzonn il-firma ta' direttur minn grupp A u iehor ta' grupp B. Dan kollu m'hemmx fid-dokument tal-5 ta' April 2004 fol. 40. Sahansitra fl-i*specimen signatures* hemm il-firem ta' Fenech biss. Indizji cari kemm l-attur ma kienx baqa' direttur tal-kumpannija Auto Repairs & Services Limited.

Irrispettivament jekk wiehed jaqbilx mal-fehma espressa mill-qorti, jibqa' l-fatt li anke jekk ghall-grazzja tal-argument l-attur baqa' jokkupa l-kariga ta' direttur fil-kumpannija Auto Repairs & Services Limited, ma kienx qieghed personalment jamministra jew jikkontrolla flus jew gid iehor tal-kumpannija. Ghalhekk b'applikazzjoni ta' dak li jipprovdu l-Artikolu 66(4) u (5) tal-Kap. 406, ma jista' qatt

jinghad li huwa solidalment responsabbli ghall-hlas tat-taxxa dovuta mill-kumpannija.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u:-**

**1. Tiddikjara li l-attur m'huwiex rapprezentant ta' Auto Repairs & Services Limited ghal finijiet tal-Artikolu 66 tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud.**
**2. Tiddikjara li hu m'huwiex personalment responsabbli ghall-hlas ta' tnejn u erbghin elf sitt mija u ghoxrin ewro u disgha u sittin centezmu (€42,620.69) li l-konvenut qieghed jippretendi minghandu bhala hlas ta' taxxa.**
**3. Tiddikjara li l-konvenut m'ghandux it-titolu ezekuttiv li jippretendi li ghandu fil-konfront tal-attur b'riferenza ghal dak li hu dovut minn Auto Repairs & Services Ltd.**

**Spejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet gialadarba:-**

**i. Kien in-nuqqas tal-attur li jizgura li jgharraf lir-Registratur tal-Kumpanniji li wassal ghal kwistjoni bla bzonn.**
**ii. Il-konvenut naqas milli jirregola l-posizzjoni tieghu wara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-3 ta' Frar 2012 u baqa' jinsisti li l-attur hu solidalment responsabbli mal-kumpannija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------